MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1456/2003

**Baystreet Holdings Limited gja Bronville Limited u Bay Street Limited, Baystreet Tourist Complex**
**Vs**

**Carmvic Buontempo f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' CVB Services Limited**

**It-Tribunal,**

**Wara li ra t-talba attrici tas-somma ta' Lm230 (mitejn u tletin lira maltin) dovuti ghall-servizzi ta' uzu.**

**Bl-ispejjes inkluzi tal-ittra ufficjali datata 26 ta' Mejju, 2003 bl-interessi.**

**Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa ma pprezentax risposta.**

**Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut fl-20 ta' Ottubru, 2003 naqas u ma deherx meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra,**

**Jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici bl-ispejjes u bl-interessi kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------